# ID-DAWL

SETTEMBRU 2021 | WWW.AHMADIYYA.MT | NUMRU 45



"Jimxi tassew 'il quddiem dak li jissaffa."

Ħajja Sempliċi | Is-Salvazzjoni | Parir ta' Missier | L-Għira

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# LITTERIŻMU

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Kull sena, it-8 ta' Settembru huwa ċċelebrat bħala l-Jum Internazzjonali tal-Litteriżmu biex ifakkar lill-komunità internazzjonali dwar l-importanza tal-litteriżmu għal individwi, komunitajiet u soċjetajiet, u l-ħtieġa għal sforzi kontinwi lejn soċjetajiet aktar litterati.

Nemmen li l-edukazzjoni u l-għarfien huma ċ-ċavetta tas-suċċess f'kull qasam tal-ħajja. L-Iżlam jenfasizza ħafna fuq l-edukazzjoni sa tali punt li l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal: **"Fittxu l-għarfien min-nieqa sal-qabar"** u **"Fittxu l-għarfien anki jekk dan jinsab f'pajjiż 'il bogħod ħafna bħaċ-Ċina."**

Barra minn hekk, huwa qal li l-edukazzjoni hija obbligatorja għall-irġiel u għan-nisa. Huwa qal: **"Huwa l-obbligu ta' kull raġel Musulman u ta' kull mara Musulmana li jiksbu l-għarfien."** Dawn il-ftit referenzi juru b'mod ċar kemm l-Iżlam jenfasizza fuq **l-importanza tal-litteriżmu,** għalhekk, huwa importanti ħafna li aħna rridu nagħmlu ħilitna kollha biex niksbu għarfien u edukazzjoni mill-aqwa. Imbagħad ngħaddu dan l-għarfien lil uliedna, lill-komunitajiet u lis-soċjetajiet tagħna.

## ID-DAWL

Settembru 2021 – Numru 45 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | Tel: 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

Literacy 02
Simple Life 03
Salvation 04
Open Your Eyes 05
A Father's Advice 06
Envy 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Roman Babakin | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# ĦAJJA SEMPLIĊI

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes li n-nies iħobbu l-ġid u l-affarijiet materjalistiċi ta' din id-dinja, imma l-aħjar ħaġa hi li tfittex il-pjaċir ta' Alla (3:15). F'dan hemm tagħlim importanti ħafna li jwassal għal ħajja sempliċi. Alla jgħid li n-nies tad-dinja jixtiequ affarijiet tad-dinja imma dawk li verament iħobbu lil Alla jgħixu ħajja umli, moderata u sempliċi.

L-Iżlam jgħallimna li hija r-responsabbiltà tagħna li nadottaw is-sempliċità f'ħajjitna. Jekk nagħmlu dan, inkunu nistgħu nsibu ħin biex naqdu l-fidi tagħna, u nagħmlu sagrifiċċji finanzjarji, u ngħinu lil dawk fil-bżonn. Tippermettilna wkoll li nqattgħu ħin biex inqimu lil Alla minflok, minflok niġru kompletament wara l-affarijiet tad-dinja.

Fil-qosor, l-Iżlam jippromwovi stil ta' ħajja sempliċi. Huwa jipprojbixxi t-tberbiq iżda jħeġġeġ l-infiq:

> **Iżżommx idek marbuta m'għonqok, jew testendiha kemm tista', għaliex tista' tispiċċa akkużat jew mifluġ.** (Il-Koran, 17:30)
>
> **Agħtu lill-qraba dak li ħaqqhom, u lill-foqra u lill-vjaġġaturi, u tberbaqx ġidek b'mod stravaganti. Tassew, il-berbieqa huma l-aħwa ta' Satana, u Satana mhuwiex grat lejn il-Mulej tiegħu.** (Il-Koran, 17:27-28)

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, għex ħajja umli u sempliċi, u ma kienx jiddejjaq jimxi mal-armla u l-fqir. Huwa kien dejjem ta' għajnuna għalihom it-tnejn. Huwa kien jagħmel xogħlijiet tad-dar, isewwi ż-żraben, iraqqa' l-ilbies, jaħleb in-nagħaġ, jiekol flimkien mal-qaddej u jitħan (id-dqiq) miegħu meta dan jegħja. Huwa ma kienx jistħi jġorr ix-xirja mis-suq sa għand niesu. Huwa kien jieħu b'idejn l-għani u l-fqir, u kien ikun minn tal-ewwel li jsellem. Huwa kien umli, iżda ma kienx jintrema; kien ġeneruż, iżda mingħajr ħela. Kellu qalbu tajba u kien ħanin ma' kulħadd.

# IS-SALVAZZJONI

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jispjega l-kunċett tas-salvazzjoni u jgħid:

[**Jimxi tassew 'il quddiem dak li jissaffa.** Il-Koran, 91:10]

Jiġifieri, persuna li tippurifika ruħha tkun kisbet is-salvazzjoni. Fi kliem ieħor, wieħed li jiċċaħħad f'ġieħ Alla l-Omnipotenti minn kull tip ta' twemmin ivvintat, dnub, impjetà, nuqqas ta' rispett u mix-xewqat żienja; li jabbanduna kull għamla ta' pjaċiri egoistiċi u jippreferi t-trażżin kif jixtieq Alla; li jagħti preċedenza lil Alla Omnipotenti, u jwarrab id-dinja bir-rikkezzi kollha tagħha, huwa dak li jikseb is-salvazzjoni. Imbagħad Alla jgħid:

[**U dak li jħassarha jinqered.** Il-Koran, 91:11]

Wieħed li jħassar ruħu u jinġibed lejn l-art, jirriduċi ruħu fi trab. Din il-frażi waħdanija tħaddan fiha t-tagħlim kollu tal-Koran Imqaddes u tesponi l-mod kif persuna tista' tersaq lejn Alla l-Omnipotenti.

Huwa fatt evidenti u stabbilit li sakemm il-bniedem ma jirrinunzjax l-użu ħażin tal-fakultajiet umani tiegħu, dan mhux se jsib lil Alla. Jekk tixtieq li tevita l-ħmieġ ta' din id-dinja, u tikseb l-għaqda ma' Alla l-Omnipotenti, mela għandek tiċċaħħad minn dawn il-pjaċiri. Il-għaliex jekk le:

Intom tfittxu 'l Alla kif ukoll lil din id-dinja miżerabbli; dan hu ħolm fieragħ, x'aktarx impossibbli, anzi ġenn u telf ta' raġuni kollha.

Fir-realtà, in-natura umana mhijiex ħażina fiha nnifisha u lanqas ħaġa mhi ħażina minnha nnifisha; anzi, pjuttost l-użu ħażin tagħha tagħmilha hekk. Il-wiri ta' xi ħaġa, pereżempju, mhux ħażina fiha nnifisha. Jekk wieħed iwettaq azzjoni għall-ġieħ ta' Alla



Fitria Ramli | Shutterstock

l-Omnipotenti biss, u oħrajn jitqanqlu biex iwettqu dik l-azzjoni tajba huma wkoll, mela dik l-esibizzjoni tkun virtuża wkoll. (*Ruhani Khazain* V. 20, p. 485-486)

# IFTAĦ GĦAJNEJK

Il-Messija Mwiegħed[as] jgħid:

Il-bniedem jista' jsib refuġju mid-dnub biss meta jagħraf b'ċertezza s-setgħa, il-kastig u l-ippremjar Tiegħu. Il-kawża ewlenija ta' kull tip ta' insolenza hija l-injoranza.

Kull min jippossjedi intuwizzjoni li tkun ċerta fin-natura tagħha ma jistax jibqa' insolenti. Jekk sid ta' dar isir jaf li dulluvju tal-biża' riesaq lejh, jew li l-proprjetà tiegħu hija mdawra bin-nar u baqa' biss fetħa żgħira, mela dik il-persuna żgur li mhux se tibqa' hemm. Kif imbagħad tippretendi li taf biċ-ċert bil-kastig u l-ippremjar ta' Alla u fl-istess ħin tibqa' fl-istat terribbli tiegħek?

Għaldaqstant iftaħ għajnejk u ħares il-Liġi ta' Alla li taħkem fuq id-dinja kollha. (*Ruhani Khazain* V. 19, p. 68)

# PARIR TA' MISSIER

**Noor-Ul-Hudah Khan, Avukat**

Kmieni din is-sena tlift lil missieri minħabba l-COVID-19. Minkejja li t-telfa ġabet magħha ħafna wġigħ, mumenti bħal dawn ifakkruna fir-rieda ta' Alla u l-pjanijiet kbar Tiegħu. Imma filwaqt li qiegħed bilqiegħda hawn illum, ma nistax ma nirriflettix dwar il-lezzjonijiet importanti tal-ħajja li għallimni missieri.

## IT-TIFKIRA TA' ALLA

Waħda mill-aqwa affarijiet li għallimni missieri hija li tkun kemm tkun bieżla l-ħajja u tkun kemm tkun stressanti, aħseb dejjem f'Alla u sib ħinijiet fil-ġurnata fejn tista' titlob lil Alla Omnipotenti.

## IL-MODESTJA

Missieri wrieni kemm irridu nagħtu importanza fil-ħajja lill-modestja. Huwa għallimni li jiena rrid nikkontrolla l-modestja tiegħi. Waħda mill-aktar lezzjonijiet importanti kienet kif l-apparenza tiegħek tinfluwenza l-perċezzjoni tan-nies tiegħek innifsek.

Qatt ma sfurzani biex nilbes xi ħaġa, imma ħallieni nifhem waħdi l-għażliet li kelli bżonn nagħmel. L-inkoraġġiment tiegħu biex jiena nieħu d-deċiżjonijiet għalija nnifsi mlieni bil-kunfidenza biex jiena nimxi fis-soċjetà mingħajr ma nħossni insigura u mkażbra.

## L-EDUKAZZJONI

Missieri għallimni kemm huwa importanti għal tifla biex ikollha edukazzjoni tajba. Qatt ma għamel differenza bejn uliedu s-subien u bintu. Kien kontinwament jinkoraġġini u dejjem kien maġenbi biex jara li jien nieħu l-aqwa edukazzjoni u dejjem xtaq li jien immur tajjeb bħal uliedu s-subien.




Minkejja li jiena kont l-iżgħar u l-unika tifla, u kont imfissda xi naqra, kont mgħallma wkoll biex nieħu ħsieb tiegħi nnifsi u nżomm l-indipendenza tiegħi. Għallimni li minkejja l-għajnuna dejjiema tal-familja, għandek dejjem tkun preparata biex taffaċċja waħdek kull ostaklu li jista' jinqala'.

## IL-KARITÀ

Qatt m'għandek tgħid le lil xi ħadd fil-bżonn. Missieri kien bniedem ġeneruż ħafna. Dejjem għallimna li anki jekk ikollna nissagrifikaw wieħed mill-bżonnijiet tagħna, qatt ma għandna niċħdu lil xi ħadd fil-bżonn. Anki jekk ma tkunx tista' tgħin kompletament dejjem ipprova agħmel ħiltek biex tgħin kemm jista' jkun possibbli, għax kull qatra tgħodd. Dejjem għallimna biex nieħdu ftit minn dak li naqilgħu biex nagħtu lil min ikollu bżonn, għax aħna bħala bnedmin irridu nħarsu d-drittijiet ta' kulħadd u nieħdu ħsieb lil xulxin kemm nistgħu.

B'hekk kif qiegħed naħseb fuq dawn l-affarijiet, ninsab rikonoxxenti għall-ħin kollu li qattajt ma' missieri. Għal-lezzjonijiet sbieħ tal-ħajja li ħallieli. Għalkemm it-telfa tiegħu ħallietli vojt enormi f'qalbi, ninsab grat għall-wirt li ħalla u nitlob li nkun nista' naġixxi fuq l-għemejjel tajba kollha tiegħu.

# L-GĦIRA

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

> **"Oqogħdu attenti mill-għira, għax din tiekol l-għemejjel tajba, bħalma n-nar iġib fix-xejn l-injam u l-ħaxix."**
>
> **"La tgħirux għal xulxin! La tgħollux il-prezzijiet! La toboghdux lil xulxin! Tagħtux daharkom lil xulxin! Tagħmilx l-offerta tiegħek waqt li żewġ naħat għaddejjin jinnegozjaw! Kunu tabilħaqq qaddejja ta' Alla, billi tkunu tabilħaqq aħwa!"**
>
> **"Huwa biżżejjed ħażen li bniedem jistmerr lil ħuh. Demm, flus u ġieħ ta' ħaddieħor huma projbiti għalik."**

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], jispjega dan is-suġġett u jgħid:

> **"L-aktar aspett diffiċli u komplikat tal-fidi huwa dak tat-tħaris tal-jeddijiet tal-umanità għaliex din hija sfida kontinwa u persuna taffaċċja din il-prova l-ħin kollu.**
>
> **Ngħid fis-sewwa biex ma tqisu lil ħadd bħala l-għadu personali tagħkom u warrbu għalkollox l-użanza li jkollkom l-għira u l-mibegħda lejn ħaddieħor."**

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**